**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Novembru, 2024**

**Mandat Nru: 1667/2024/1 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Avantgarde Holdings Limited (C-27163)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c., li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra talbet lil din il-Qorti ntalbet izzomm lis-socjetà intimata milli tbiegh proprjetà immobbli konsistenti f'showroom bil-basement sottopost u dar, it-tnejn f'Birkirkara, sabiex l-istess Bank iqieghed fis-sod kreditu li ghandu fil-konfront tas-socjetà Avantgarde Projects Limited, u ghal liema kreditu s-socjetà intimata hija garanti.

Rat ir-risposta ta' Avantgarde Holdings Limited.

Rat id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Art. 874 u l-gurisprudenza relatata li fiha huwa mizmum li l-elementi essenzjali rikjesti mill-istess Art. 874 mhumiex tal-istess rigorozità daqs dawk mehtiega mill-Art. 873.

L-Art. 874 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Skond l-Art. 874 ir-rikorrenti ghandu juri zewg hwejjeg ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti – l-ewwel nett il-kreditu pretiz, dan fuq bazi ta' *prima facie* liema kreditu irid ikun oghla minn €11,646.86. Imbaghad r-rikorrenti ghandu jispecifika l-proprjetà li huwa qed jitlob l-inibizzjoni dwarha. F'mandat ta'

inibizzjoni taht l-Art. 874, il-ligi ma titlobx l-irrimedjabilità li tesigi taht l-Art. 873. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-decizjoni Portelli vs St. John Development (5 ta' Lulju 2016).

Is-socjetà intimata essenzjalment tilqa' ghat-talba billi tirribatti li l-proprjetà msemmija tinsab digà ipotekata ma' Bank iehor u ghalhekk m'hemmx bizà li ser tinbiegh. Fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, dan il-fatt huwa precizament gustifikazzjoni ulterjuri ghat-tezi ta' Bank of Valletta. Ipoteka ma' Bank iehor ma hija ta' ebda garanzija ghall-istess Bank of Valletta.

Fil-kaz in ezami l-pretensjoni ta' Bank of Valletta hija oghla mill-€11,646 li titlob il-ligi. Jekk din il-pretensjoni hijiex tassew misthoqqa hija kwistjoni li trid tigi mistharrga mill-Qorti fil-kawza li digà giet introdotta. Sodisfatt ukoll it-tieni rekwizit, u cioè d-deskrizzjoni tal-proprjetà.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kif mitluba minn Bank of Valletta p.l.c. Il-Qorti tidderiegi lir-Registratur tal-Qorti jeffettwa kull registrazzjoni mehtiega skond il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF